MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2008

Rikors Numru. 13/2008

**DAVID GATT**
**vs**

**AVUKAT GENERALI**

Il-Qorti:;

Rat ir-rikorsipprezentat fid-29 ta` Jannar, 2008, li in forza tieghu, ir-rikorrenti wara li ppremetta illi:

L-esponenti ilu arrestat mill-4 ta` April, 2007 fuq pussess u spacc ta` droga. Illi huwa ilu jaghmel rikorsi ghall-helsien mill-arrest, u l-prosekuzzjoni dejjem opponiet, minn xi daqqiet ghaliex baqa` xhieda importanti, minn daqqiet ghal xi raguni sterotipata, u dejjem l-istess talba ghal-

liberta` incahdet minghajr ma` l-prosekuzzjoni sahhet bi provi r-ragunijiet taghha.

Ricentement l-istess David Gatt ghamel rikors fejn talab li jinghata l-helsien mill-arrest biex jaghmel programm. L-ewwel ma kellux data fissa, meta se jidhol, u l-Qorti Kriminali cahdet, imbaghad sar rikors iehor quddiem il-Qorti Kriminali fejn intalab tali helsien. Il-Qorti Kriminali tat dan il-beneficcju, imma ghamlet fost kundizzjonijiet ohra kif ghandu jkun l-istess David Gatt fil-programm tal-Oasi ta` Ghawdex, u qabel jinghata l-helsien mill-arrest kellu jkun hemm konferma mill-istess ghaqda volontarja li lesta li toqghod ghall-kundizzjonijiet imposti. Naturalment l-Oasi ezaminat il-kundizzjonijiet u stqarret li ma setghetx tibdel it-tifsila tal-programm taghha kif riedet il-Qorti.

Sussegwentement sar rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (issa bhala l-Qorti kompetenti fir-rinviju) li cahdet tibdil ghaliex kienet il-Qorti Kriminali li mponiet tali kundizzjonijiet.

L-esponenti ghalhekk ghamel rikors quddiem il-Qorti Kriminali halli jkun hemm varjazzjoni tal-kundizzjonijiet, liema rikors giet michud fit-28 ta` Jannar, 2008, ghaliex ma ngibux ragunijiet sufficjenti biex jinbidlu tali kundizzjonijiet.

Dan it-trattament u d-dewmien li l-esponenti qed jinzamm il-habs imur kompletament kuntrarju ghal dik li hija t-tifsira li nghatat mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. In-nuqqas ta` liberta` ghal persuna akkuzata b`reat saret prerogativa tal-prosekuzzjoni anzi kwazi dritt invjolabbli taghha. Il-gurisprudenza hija abbundanti fis-sens li bil-passagg taz-zmien, bis-smiegh tax-xhieda tal-kaz fil-kumpilazzjoni, kull biza` li jista` jkollha l-prosekuzzjoni ma jkunx aktar gustifikat. Il-gurisprudenza tghallem ukoll li l-prosekuzzjoni m`ghandhiex biss tallega bizghat imma trid turi fil-konkret li dan il-biza` kollu. Illi huwa manifest minn dak kollu li gara li l-liberta` qed tincahad mhux ghax hemm xi htiega processwali, imma ghaliex il-presunzjoni tal-innocenza hija teorija legali imma mhux precett legali.

Fuq kollox li l-esponenti jmur jaghmel programm u dan il-principju gie accettat huwa wkoll prova li z-zamma tieghu fil-habs ma hix legalment mehtiega.

Dan hu msahhah ukoll mill-fatt li kif inhi l-ligi Maltija fl-artikolu 574, huwa manifest li l-kriterji ta` Malta huwa differenti minn dawk tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun, inkluz kull provvediment ta` natura anticipativa u kawzjonali, tiddikjara:

(1) li d-divjeti li taghmel il-ligi Maltija dwar l-ghoti tal-helsien mill-arrest huma konfliggenti mal-Art 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

(2) li gie vjolat fil-konfront tal-esponenti l-Artiklu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

(3) taghti rimedju effettiv immedjatament, kif ukoll tikkundanna lill-intimat ghall-hlas tad-danni li johorgu mill-istess vjolazzjoni lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali li in forza taghha wiegeb illi:

1. Kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, kwalunkwe oggezzjoni li setgha ressaq l-intimat Avukat Generali ghat-talba mressqa mir-rikorrent, sabiex huwa jinghata l-helsien mill-arrest, kienet ghal kollox fondata u ghaldaqstant, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrent, mhuwiex minnu illi l-intimat Avukat Generali ressaq oggezzjonijiet abbuzzivi u bla gustifikazzjoni bi pregudizzju ghar-rikorrent.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost, u rrispettivament minn kull oggezzjoni li setgha qajjem l-esponent ghal talba ghal

helsien mill-arrest mir-rikorrent, fl-ahhar mill-ahhar l-helsien mill-arrest jinghata mhux mill-esponent izda minn dik il-Qorti li taht is-setgha taghha r-rikorrent ikun detenut u dan ai termini ta` l-artikolu 580 Kodici Kriminali.

Konsegwentement din l-Onorabbli Qorti m`ghanda ebda setgha illi tissindika l-agir tal-Qorti Kriminali.

3. L-esponent qed jifhem l-ilment imressaq mir-rikorrent bhala illi r-rikorrent mhux qed jallega illi l-allegat ksur tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea huwa rizultata tad-dewmien minn naha tal-istat biex tressaq ir-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali, u cioe` illi l-proceduri kriminali ma ngabux fi zmien ragonevoli, izda illi t-trattament mill-Qorti Kriminali ghat-talbiet li huwa ressaq sabiex jinghata l-helsien mill-arrest u dewmien fil-habs stante illi t-talbiet tieghu gew michuda, qed jiksirlu d-dritt tieghu kif sancit taht l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea.

Bir-rispett kollu, l-allegazzjonijiet u l-argumenti mressqa mir-rikorrent huwa ghal kollox zbaljat: Fl-ewwel lok, l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu dejjem jinqara ma` l-artikolu 5(1) fejn taht l-artikolu 5(1), il-Konvenzjoni telenka c-cirkostanzi meta l-liberta` tista` tigi michuda; fit-tieni lok, la mill-qari ta` l-artikolu 5(3) u wisq anqas mill-inerpretazzjoni estensiva li taghat l-Qorti Ewropea, ma jista` qatt jinghad u jigi accettat illi r-rikorrent kellu <u>bi dritt</u> jinghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali.

Kif inghad aktar il-fuq l-artikolu 5(1), jiggustifika c-cirkustanzi meta talba ghal helsien mill-arrest m`ghandhiex tintlaqa`, u c-cirkustanza elenkata taht il-paragrafu (c) jinkwadra perfettament ghal kaz odjern.

Di piu`, l-artikolu 5(3) jistipola ukoll illi *"il-helsien jista` jkun taht kondizzjoni ta` garanzija biex jidher ghall-proceduri",* replica ta` l-artikolu 574 tal-Kodici Kriminali li jittratta proprio dwar il-helsien mill-arrest bil-garanzija. X`forma tiehu din il-garanzija hija ghal darb`ohra diskrezzjoni f`idejn il-Qorti Kriminali, izda l-fatt illi l-Qorti Kriminali, fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz partikolari illi hija kellha

quddiema u tal-applikazzjoni tal-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali, oghgobha timponi kundizzjonijiet ulterjuri, fosthom l-involviment tal-fundazzjoni Oasi, ma jwassalx ghal ksur ta` l-artikolu 5(3) kif donnu qed jallega r-rikorrent.

Illi in vista tas-suespost:

1. it-talbiet tar-rikorrent ghandhom fil-principju jigu ghal kollox michuda stante illi dina l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex il-kompetenza illi tissindika l-agir tal-Qorti Kriminali dwar l-oghti ta` garanzija ghal helsien mill-arrest;

2. bla pregudizzju ghas-suespost, m`hux minnu illi l-artikolu 574 huwa konfliggenti ma` l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea, ghaldaqstant l-ewwel talba ghandha tigi michuda;

3. bla pregudizzju ghas-suespost, m`hux minnu illi l-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea gie vvjolat fil-konfront tar-rikorrent, ghaldaqstant it-tieni talba ghandha ukoll tigi michuda;

4. bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent ma kkawza ebda dannu lir-rikorrent biex jwassal lil din l-Onorabbli Qorti tilqa` t-tielet talba u taghti rimedju effettiv, inkluz d-dikjarazzjoni ta` danni, kif qed jigi pretiz mir-rikorrent. Ghaldaqstant it-tielet talba wkoll ghandha tii michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li fl-udjenza tat-22 ta` Frar, 2008, ir-rikorrenti ccara li l-ilmenti tieghu huma indirizzati lejn l-artikolu 575, mhux l-artikolu 574, tal-Kodici Kriminali;

Rat l-atti tal-proceduri kriminali li hemm pendenti kontra r-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-osservazzjonijiet maghmula mill-partijiet;

Rat li din il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent kien gie arrestat fuq pussess u spacc ta` droga u dan fl-4 ta` April, 2007; il-kumpilazzjoni tal-provi ghada ghaddejja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja. Fis-16 ta` April, 2007, l-akkuzat talab li jinghata l-liberta provisorja. L-Avukat Generali oppona t-talba minhabba l-gravita` tal-kaz, il-fatt li r-rikorrent ghandu multiplicita` ta` kazijiet pendenti kontra tieghu, li ebda xhud ma kien ghadu nstemgha, u l-fedina penali tal-akkuzat li ma kienetx taghti fede li hu ma kienx sejjer jikkommetti reati simili. Il-Qorti, b`digriet tat-18 ta` April, 2007, cahdet it-talba.

Fit-22 ta` Mejju, 2007, l-akkuzat rega` talab li jinghata l-possibbilita` li jattendi programm ta` reabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. L-Avukat Generali rega` oppona t-talba minhabba n-natura serja ta` reati addebitati lir-rikorrent, ir-rizultanzi processwali migbura sa dak il-mument u li jista` jkun hemm intralc serju tal-process gudizzjarju. Fil-kuntest tat-tieni raguni, jidher li l-Avukat Generali kien qed jaghmel riferenza ghall-fatt li, fil-perjodu li kien il-habs, l-akkuzat instab fil-pussess ta` droga u kien qed jigi nvestigat minhabba dan. Il-Qorti tal-Magistrati, b`digriet sussegwenti cahdet it-talba b`riserva li tikkunsidra ulterjorment meta l-akkuzat ikun effettivament se jibda` programm ta` reabilitazzjoni.

Ir-rikorrent ressaq talba simili fl-14 ta` Gunju, 2007, liema talba ghal darba ohra giet opposta mill-Avukat Generali. Il-Qorti Kriminali b`digriet tad-19 ta` Gunju, 2007, cahdet it-talba wara li qieset in partikolari l-gravita` tar-reati u l-antecedenti penali tar-rikorrenti, li turi involvement ripetut f`reati ta` drogi.

Ir-rikorrent ressaq rikors iehor fil-5 ta` Lulju, 2007, li ghal darb`ohra giet opposta mill-Avukat Generali. It-talba

regghet giet michuda fl-10 ta` Lulju, 2007, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fil-21 ta` Awissu, 2007, ir-rikorrent rega` talab il-liberta` provizorja wara li qies li kien gia` ilu arrestat ghall-hames xhur. It-talba regghet giet opposta mill-Avukat Generali u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba b`digriet tat-28 ta` Awissu, 2007.

Rikors iehor gie ipprezentat fl-4 ta` Settembru, 2007, li wkoll gie oppost mill-Avukat Generali. Din id-darba l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat trattazzjoni orali tat-talba waqt udjenza iffissata ghas-6 ta` Settembru, 2007. B`digriet tas-7 ta` Settembru, 2007, dik il-Qorti cahdet it-talba ghal-liberta` provizorja wara li qieset ir-rizultanzi processwali, in-natura tar-reati addebitati lir-rikorrenti, l-fedina penali tieghu u l-fatt li ghad iridu jinstemghu numru ta` xhieda pajzana li jistghu facilment jigu influwenzati kontra l-ligi.

Fl-1 ta` Ottubru, 2007, ir-rikorrent rega` talab li jinghata l-liberta` provizorja. Din it-talba regghet giet opposta mill-Avukat Generali u michuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fit-12 ta` Novembru, 2007, ir-rikorrent rega` talab il-helsien mill-arrest, izda t-talba regghet giet opposta mill-Avukat Generali u michuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b`digriet tas-6 ta` Dicembru, 2007.

Fit-12 ta` Dicembru, 2007, ir-rikorrent ressaq ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali talba ghall-helsien mill-arrest peress li kien q1ed jinstema li jibda programm ta` reabilitazzjoni kontra d-droga fl-Oasi ta` Ghawdex. L-Avukat Generali ma opponiex li r-rikorrent jaghmel programm ta` reabilitazzjoni kontra d-droga, f`kaz li l-impenn ikun genwin u jinghataw garanziji sufficjenti li josserva d-disposizzjonijiet tal-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti Kriminali zammet udjenza fejn semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri u rat ukoll il-kummenti tal-Manager tal-Oasi. B`digriet tat-18 ta` Jannar, 2008, il-Qorti Kriminali akkordat lir-rikorrent il-beneficcju tal-helsien mill-arrest taht diversi kondizzjonijiet, fosthom li

jirrisjedi fejn jigi indikati lilu mid-dirigenti tal-Fondazzjoni Oasi in konnessjoni mal-programm residenzjali ta` reabilitazzjoni li huwa talab li jsegwi, u li, f`kaz li jkollu bzonn johrog mill-post biex jattendi l-isptar jew il-Qorti ghandu jkun akkumpanjat fl-ewwel lok minn zewg dirigenti tal-Oasi, u fit-tieni lok, minn ufficcjal tal-Pulizija u dirigenti tal-Oasi. Wara li jtemm il-programm, ikun jista jirritorna lejn daru, basta jirraporta darba kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal fejn jirrisjedi.

Jidher li l-imposizzjoni li biex johrog, ir-rikorrent ikun irid jigu akkumpanjat minn dirigenti tal-Fondazzjoni Oasi, ma setghetx tigi milqugha mill-istess Fondazzjoni peress li dik ghaqda volontarja u m`ghandhiex bizzejjed ghajnuna biex taghti dak it-tip ta` servizz. Ghalhekk, ir-rikorrent, b`rikors tat-23 ta` Jannar, 2008, talab bdil fil-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu biex hu jkun jista` jsegwi l-programm "skond ir-regola tal-Oasi". Jidher li l-policy tal-Oasi hi li meta persuna tithalla tohrog mir-residenza dina tkun akkumpanjata biss minn persuna ohra li tkun qed taghmel il-programm, u dan peress li hi tqies li l-programm ghandu jigi segwit fuq bazi volontarja.

L-Avukat tar-Repubblika oppona t-talba u b`digriet tal-24 ta` Jannar, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) cahdet it-talba u ordnat li d-digriet tal-Qorti Kriminali jigi implimentat fit-totalita` tieghu.

Tressqet talba simili quddiem il-Qorti Kriminali li, pero`, b`digriet tat-28 ta` Jannar, 2008, cahdet it-talba.

Ir-rikorrenti qed jilmenta li l-artikolu 575 tal-Kodici Kriminali jaghmel divjet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest garantit bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u li, f`kull kaz, il-garanziji imposti fuqu meta nghata l-helsien mill-arrest fil-fatt jinvjolaw l-imsemmi artikolu 5(3).

Dan l-artikolu 5(3) jipprovdi illi:

*"Kull min ikun arrestat jew detenut skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (c) ta` dan l-Artikolu*

*ghandu jingieb minnufih quddiem imhallef jew funzjonarju iehor awtorizzat b`ligi biex jezercita setgha gudizzjarja u jkollu dritt ghal proceduri fi zmien ragonevoli jew ghal helsien waqt pendenza tal-proceduri. Il-helsien jista` jkun taht kundizzjoni ta` garanziji biex jidher ghall-proceduri"*.

L-artikolu 574 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal helsien mill-arrest:

*"meta huwa jaghti garanzija tajba li jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu lilu ordnati taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fid-digriet li jaghti l-helsien mill-arrest liema digriet ghandu f`kull kaz jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat"*.

Issa, ma hemmx dubbju li skond il-Kodici Kriminali, sia meta si tratta ta` delitt kontra s-sigurta` tal-Gvern jew delitt li jgib mieghu l-piena ta` prigunerija ghal ghomru u sia meta si tratta ta` kwalsiasi reat iehor, il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali li tkun hija obbligata li tassigura li, jekk takkorda l-helsien mill-arrest, ma jkunx hemm il-perikoli ravizzatik fl-paragrafi (a) sa (e) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 575 tal-Kap. 9. Dawn il-perikoli huma li l-akkuzat jew imputat (a) *"jonqos li jidher ghall-ordni ta` l-awtorita` msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija"*, (b) *"jinheba jew jitlaq minn Malta"*, (c) *"ma josservax xi kundizzjoni li l-Qorti jkun jidhrilha xieraq li timponi fl-obbligazzjoni tal-garanzija"*, (d) *"jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b`xi mod iehor jintralcja jew jipprova jintralcja l-kors tal-gustizzja fir-rigward tieghu jew xi persuna ohra"*, u (e) *"jikkommetti xi reat iehor"*. Huwa proprju ghalhekk li Qorti ta` Gustizzja Kriminali tista`, meta takkorda l-helsien mill-arrest, timponi kundizzjonijiet ohra oltre l-garanzija (fil-forma ta` plegg tajjeb li jobbliga ruhu bil-miktub ghas-somma stabbilita`, jew fil-forma tad-depozitu ta` dik is-somma jew depozitu ta` rahan li jiswa daqsha, jew fil-forma tal-obbligazzjoni personali tal-imputat – Art. 577) li l-imputat jew akkuzat jidher ghal kull att tal-process fiz-zmien u fil-post li jigu ordnati lilu.

Ma jistax jinghad pero`, li dawn l-artikoli jilledu xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif garantit fl-artikolu 5(3) tal-

Konvenzjoni Ewropea. Kif osservat l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Aquilina et s Avukat Generali", deciza fl-1 ta` Gunju, 2007, *"Ghalkemm huwa minnu li dana l-Artikolu (artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni) meta jirreferi ghal helsien waqt pendenza ta` proceduri, jghid "il-helsien jista` jkun taht kondizzjoni ta` garanzija biex [l-arrestat jew detenut] jidher ghall-proceduri", dana ma jfissirx li huma biss dawn il-kondizzjonijiet, cioe` dawk intizi biex jassiguraw li l-imputat jew akkuzat jidher ghall-proceduri, li jistghu jigu imposti. Dan hu evidenti anke mill-istess gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. In fatti, fost ir-relevant and sufficient grounds li dik il-Qorti accettat bhala li jistghu jiggustifikaw li persuna akkuzata b`reat tibqa` arrestata, ghall-anqas ghal certu zmien, bla ma tinghata bail hemm is-segwenti: (i) the seriousness of the alleged offences and the strength of suspicion; (ii) protection of public order; (iii) risk of pressure on witnesses or collusion with co-accussed; (iv) risk of repetition of offences; u (v) danger of absconding. Meta jkun hemm xi wahda minn dawn ic-cirkustanzi li jiggustifikaw, anke jekk biss ghal certu zmien, ir-rifjut tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, jekk dak il-perikolu jew riskju jkun jista` jigi mxejjen jew ghall-anqas minimizzat b`xi kundizzjoni (li allura ma tkunx kundizzjoni li tassigura biss id-dehra tal-akkuzat jew imputat) imposta mal-ghoti tal-helsien, tali helsien ghandu jinghata b`dik il-kundizzjoni, u dan proprju in omagg ghall-principju tal-liberta tal-persuna. Li wiehed jargumenta bil-kontra – kif qed jaghmlu l-appellanti – ikun ifisser li fejn Qorti tista` taghti l-helsien taht kundizzjoni jew kundizzjonijiet bhal dawn, hija ma taghtix il-helsien ghax il-kundizzjoni ma tkunx wahda bix dak li jkun "jidher ghall-proceduri"*.

Kwindi, kundizzjonijiet li ma jkunux marbuta direttament mal-obbligu tal-akkuzat li *"jidher ghall-proceduri"* ghandhom jitqiesu validi sakemm dawn ikunu ragjonevoli u mehtiega, u ma jkunux tali li jistghu jwaslu ghac-cahda lir-rikorrent mid-dritt tieghu ghall-helsien mill-arrest, b`mod li d-detenzjoni kontinwa tieghu tkun tista` titqies inumana, u mhux f`lokha (ara dak li osservat *obitir* din il-Qorti fil-kawza "Karfus vs Kummissarju tal-Pulizija et", deciza fis-27 ta` April, 2006).

Fil-fatt mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, johrog car li meta Qorti tikkunsidra taghtix il-helsien mill-arrest lil akkuzat, trid tqis diversi fatturi. Fil-kaz "Kubicz vs Poland", deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) fit-28 ta` Gunju, 2006 intqal li;

*"the question whether a period of detention is reasonable cannot be assessed in the abstract but must be considered in each case according to its special features. Continued detention can be justified in a given case only if there are specific indications of a genuine requirement of public interest which, notwithstanding the presumption of innocence, outweighs the rule of respect for individual liberty laid down in Article 5 of the Convention"*.

L-istess Qorti Ewropeja, f`diversi sentenzi ohra, qieset diversi cirkustanzi li jistghu jew ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex almenu ghal certu zmien, l-akkuzat jiccahad mill-helsien mill-arrest. Hekk intqal:

*"(i) the matter of when the trial or, in the present case, re-trial will occur is not a relevant reason for the purpose of Article 5(3)" – Gault vs The United Kingdom", ECHR, 20 ta` Novembru, 2007;*

*(ii) "the suspicion against the applicant of having committed serious offences could have initially warranted his detention … The Gravity of the charges cannot by itself serve to justify long periods of detention on remand" – "Panchenko vs Russia", ECHR, 8 ta` Mejju, 2005;*

*(iii) " the persistence of reasonable suspicion is a condition sine qua non for the lawfulness of the continued detention, but after a certain lapse of time it no longer sufficies" – "Gault vs The United Kingdom", ECHR, 20 ta` Novembru, 2007;*

*(iv) "the severity of the sentence faced is a relevant element in the assessment of the risk of absconding or re-offending" "Ilijkov vs Bulgaria", ECHR, 26 ta` Lulju, 2001;*

*(v) "The Court accepts that a genuine risk of pressure being brought to bear on the witness may have existed initially, but takes the view that it diminished and indeed disappeared with the passing of time" – "Letellier vs France", ECHR, 26 ta` Gunju, 1991;*

*(vi) "The Court points out that such a danger (of absconding) cannot be gauged solely on the basis of the severity of the sentence risked. It must be assessed with reference to a number of other relevant factors which may either confirm the existence of a danger of absconding or make it appear so slight that it cannot justify detention pending trial" – "Lettellier vs France", ECHR 26 ta` Gunju, 1991;*

*(vii) "The Court, accepts that, by reason of their particular gravity and public reaction to them, certain offences may give rise to a social disturbance capable of justifying pre-trial detention, at least for a time. In exceptional circumstances this factor may therefore be taken into account for the purposes of the Convention, in any event in so far as domestic law recognizes the notion of disturbance to public order caused by an offence" - "Lettellier vs France", ECHR, 26 ta` Gunju, 1991.*

Wara li jghaddi certu zmien, il-Qorti trid tara kif tipprovdi ghal helsien mill-arrest, izda dan mhux necessarjament ikun inkundizzjonat. Darba cioe` li l-Qorti kompetenti, wara li tqies dawn il-kriterji u specjalment wara li jghaddi certu zmien minn fuq l-arrest, tara li ghandha tipprovdi ghall-helsien mill-arrest, tista` tasal biex timponi kondizzjonijiet biex tissalvagwardja kontra l-istess perikli aktar qabel ikkunsidrati. Dan intqal mhux biss mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Aquilina vs Avukat Generali", aktar qabel indikati, izda anke mill-istess Qorti Ewropeja. Hekk, fil-kaz "Kubicz vs Poland", ukoll aktar qabel imsemmija, gie osservat hekk fil-kuntest tal-Qrati Polakki li jichdu talbiet ghal helsien mill-arrest:

*"The Court would note that during the entire period of the applicant's pre-trial detention, and despite his repeated applications for release, the authorities did not consider*

*the possibility of imposing on him other preventive measures – such as bail or police supervision – expressly foreseen by Polish law to secure the proper conduct of criminal proceedings”*.

Il-*“proper conduct of criminal proceedings”*, ma jirriferux biss ghad-dehra tal-akkuzat quddiem il-Qorti li tkun qed tistharreg il-kaz tieghu, izda ghal kwalunkwe interferenza fil-process kriminali kollu, u l-Qorti ghandha dritt tikkawtela f`dan is-sens. Ma jistax, jinghad, kwindi li l-artikoli tal-Kodici Kriminali invokati b`xi mod jilledu d-drittijiet tar-rikorrenti kif garantiti bl-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Il-*“preventive measures”* iridu, pero`, ikunu dejjem ragjonevoli u *“necessary in a democratic society”* – “Labita vs Italy”, ECHR 6 ta` April, 2000. Issa, f`dan il-kaz, ir-rikorrent gie ghal diversi drabi imcahhad mil-liberta` provizorja u din il-Qorti meta tqies il-gravita` tal-akkuza (spacc ta` droga), is-severita` tas-sentenza li qed jirriskja ir-rikorrent, d-dipendenza tieghu fuq id-droga, u l-interess pubbliku, ma tarax li din ic-cahda temporanja kienet wahda irragonevoli jew mhux mehtiega f`pajjiz demokratiku.

Eventwalment, ir-rikorrent talab il-helsien mill-arrest biex jaghmel programm ta` reabilitazzjoni mill-effetti tad-droga. Ghal ewwel kien hemm problemi dwar l-attwazzjoni ta` din it-talba minhabba li kienet timplika kuntatt dirett ma` xhieda importanti ghal kaz. Ir-rikorrent irranga biex jibda l-programm tal-Oasi gewwa Ghawdex, u l-Qorti Kriminali accettat li hu jinheles mill-arrest biex jattendi l-programm gewwa l-gzira ta` Ghawdex, bil-kundizzjoni li meta johrog mis-sit tal-Oasi, irid ikun akkumpanjat minn zewg ufficcjali ta` l-istess ghaqda. Peress li l-organizzazzjoni Oasi hija non-governattiva u topera l`aktar bil-hidma tal-volontarjat, ma setghetx taqbel ma` din il-kundizzjoni. Ir-rikorrent ghamel rikors ghal varjazzjoni ta` din il-kundizzjoni izda gie michud wara li l-Qorti Kriminali qieset li ma ngibux ragunijiet sufficjenti biex jinbidlu tali kundizzjonijiet. Ir-rikorrenti qed jilmenta li tali kundizzjonijiet qed icahduh

mid-dritt tieghu ghal liberta` provizorja garantita bl-artikolu 5(3) tal-indikata Konvenzjoni Ewropea.

Din il-Qorti tara, pero`, li mehud in konsiderazzjoni c-cirkustanzi tal-kaz, ma tarax li tali kundizzjoni hija rragonevoli jew mhux mehtiega *"for the proper conduct of criminal proceedings"*. Ir-rikorrent ghandu storja ta` reati in konnessjoni mad-droga, u mill-atti jidher li kien gia` ipprova jaghmel programm ta` reabilitazzjoni kontra d-droga, pero`, xort baqa` mjassar bil-vizzju tad-droga. Ghamlet sew l-Qorti Kriminali, allura, li riedet tassigura li r-rikorrent, qabel ma jithalla imur lura lejn daru, jghaddi mill-process ta` reabilitazzjoni minghajr kuntatt mad-droga hlief sa fejn u kif ikun mehtieg ghal dan l-iskop. Wara li jghaddi dan il-programm, ir-rikorrent ikun kwazi liberu fil-movimenti tieghu, basta ma jitkellimx max-xhieda tal-prosekuzzjoni, jikkonsenja l-passaport tieghu u jirraporta kuljum f`Ghassa tal-Pulizija; irid, pero`, l-ewwel itemm b`success programm residenzjali ta` reabilitazzjoni kontra d-droga, u, ghalhekk, il-Qorti riedet tassigura li dan jitwettaq. Meta tqies il-gravita` tal-akkuza (l-ispacc tad-droga), il-passat tar-rikorrent, dak li gara waqt li kien il-habs, u l-interess pubbliku, din il-Qorti tara li ghamlet sew il-Qorti Kriminali tinsisti li r-rikorrent jirriabilita` ruhu qabel ma jithalla jerga` jaghmel kuntatt mac-cittadini ta` dan il-pajjiz.

Darba li l-kundizzjoni ta` skorta hija ragjonevoli – u dan biex ir-rikorrent ma jergax jinvolvi ruhu mad-droga waqt li jkun assenti mir-residenza – sta ghar-rikorrenti joffri alternattiva ghal dak li pprovdiet il-Qorti Kriminali. Fic-cirkustanzi, l-iskorta hi mehtiega, u jekk din ma tistax tigi fornuta mill-Fondazzjoni Oasi, ir-rikorrent irid joffri alternattiva adegwata.

Fil-ktieb *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* ta` <u>van Dijk, van Hoof, Van Rijn u Zwaak</u> (4 Ediz. 2006 pagna 497) gie spjegat li;

*"In the case law four basic acceptable reasons for refusing bail can be distinguished: the risk that the accused will fail to appear for trial and the risk that the*

*accused, if released, would take action to prejudice the administration of justice, commit further offences, or cause public disorder. If there are sufficient indications and guarantees for a bail, but this possibility is not offered to the detainee, the detention loses its reasonable, and as a consequence also its lawful, character. This will be the case in particular if the only ground for the detention is the risk of flight. If the detainee declines the offer without suggesting an acceptable alternative, he has only himself to blame for the continued detention"* (sottolinear ta` din il-Qorti).

Ghalhekk, il-Qorti tara li, mehud in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz, il-Qrati b`kompetenza kriminali ma agixxewx mar-rikorrent b`mod hazin jew bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu. Ghal bidu, il-gravita` tar-reati addebitati lir-rikorrent, l-involviment tieghu fil-passat ma reati relatati mad-droga, u l-fatt li anke fil-habs instab il-pussess tad-droga, kienu jimilitaw kontra li jinghata l-liberta` provizorja. Wara li ghadda certu zmien, il-Qorti kkunsidrat li kien wasal iz-zmien li jinghata l-helsien mill-arrest, basta li qabel xejn jirriabilita` ruhu mill-problema tad-droga biex b`hekk jitnaqqas il-biza` ta` involvement tieghu mad-droga. Dan kien mehtieg, ghax jekk l-akkuzat jibqa` dipendenti fuq id-droga, il-probabilita` kbira hi li hu jerga` jcappas idejh mal-problema. Biex il-programm ta` reabilitazzjoni jkun success, irid jigi assigurat li r-rikorrent ma jkollux kuntatt mas-sustanza waqt li ma jkunx fir-residenza, u allura hemm il-htiega ta` skorta adegwata. Jekk il-Fundazzjoni Oasi ma tistax tofri dan is-servizz ta` skorta ir-rikorrent irid joffri alternattiva (bhal, per ezempju, skorta minn ufficcjal tal-Pulizija bi hlas), u jekk jibqa ma jaghmel xejn, jista` jinghad li, almenu f`dan l-istadju, *"he has only himself to blame for the continued detention"*.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------